MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 237/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Elebrashy SHERIEF [ID. Nru. 576992M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-4 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mitt euro u tnejn u erbghin ċenteżmi ta' euro [€300.42c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mitt ewro u tnejn u erbghin ċenteżmu (€300.42) in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija ċellulari 79454338 (AC50882257).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 3559/10, u bl-imghaxijiet mid-19 t' Ottubru 2010, data tal-imsemmija ittra uffiċjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mitt euro u tnejn u erbghin ċenteżmi ta' euro [€300.42c].

Ra li Dr. Keith Grech iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' tlett mitt euro u tnejn u erbghin ċenteżmi ta' euro [€300.42c] in konnessjoni mas-servizz ta' telefonija ċellulari 79454338 (AC50882257) u penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' tlett mitt euro u tnejn u erbghin ċenteżmi ta' euro [€300.42c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

> (b) *<u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mitt euro u tnejn u erbghin ċenteżmi ta' euro [€300.42c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-19 t'Ottubru, 2010 data ta' l-ittra uffiċjali (fol. 8) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata fid-19 t' Ottubru, 2010 huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------